MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 407/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Camilleri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Camilleri ta’ 30 sena imwieled il-Pieta` fis-26 ta’ Novembru 1969, iben Anthony u Josephine nee` Sciberras, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 479569(M) talli fl-10 ta’ Mejju 2000 u fil-granet ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu eskussiv tieghu.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Novembru, 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Christopher Camilleri hati u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll multa ta’ mitejn lira (Lm200), pagabbli din il-multa b’rati ta’ erbghin lira fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut fi zmien erba’ gimghat mid-data tas-sentenza u bil-kundizzjoni li jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut f’daqqa u jekk xi parti ma tithallasx din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull Lm5 mhux imhallsa; inoltre l-ewwel qorti kkundannatu jhallas Lm40.91 bhala spejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9; dik il-qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien ossia supervizjoni tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Christopher Camilleri, minnu prezentat fit-22 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriformaha fis-sens li thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet li l-pussess kien taht tali cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u konsegwentement tvarja l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Frar 2008; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu hames aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: (**1**) l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax ghax dak li instab kien *tetrahydrocannabinol* li hija medicina psikotropika u ristretta skond it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31, mentri hu gie akkuzat bi ksur tal-Kap. 101; (**2**) isegwi ghalhekk – u dan hu t-tieni aggravju – li l-Ordni ta’ l-Avukat Generali maghmul skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 biex Camilleri jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa zbaljat u fl-assenza ta’ ordni maghmul korrettement taht il-Kap. 31, l-imsemmi Camilleri kellu jigi lliberat; (**3**) bla pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-appellant jikkontendi li fi kwalunkwe kaz ma hemmx prova li nstabet “raza mehuda mill-pjanta *cannabis*” izda biss li instabet is-sustanza *tetrahydrocannabinol* li hi sustanza “li tigi mill-pjanta *cannabis*” meta hu ma giex akkuzat bil-pussess tal-pjanta *cannabis*; (**4**) illi l-ewwel qorti ghamlet apprezzament

zbaljat tal-provi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-pussess da parti ta' l-appellant tal-bicciet raza tal-*cannabis*; u, finalment (**5**) li ghamlet apprezzament hazin ukoll meta kkonkludiet li dak li nstab ma kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-istess appellant.

L-ewwel tlett aggravji jistghu jigu kkunsidrati flimkien, ghax bazikament l-appellant qed ighid li, galadarba l-unika prova li hemm hi li instabet xi haga li fiha kien hemm it-*tetrahydrocannabinol*, kullma jista' jinghad hu biss li nstabet sustanza bi ksur tal-Kap. 31 u mhux bi ksur tal-Kap. 101. Din il-Qorti jkollha tistqarr li l-ewwel zewg aggravji huma f'certu sens ingenjuzi, pero` huma wkoll infondati. L-Artikolu 8 ta' Kap. 101 jipprojbixxi, fost affarijiet ohra, il-pusess, bejgh jew traffikar kemm tal-pjanta *cannabis* kif ukoll tar-raza mehuda minn tali pjanta. Il-pjanta tista' tkun, fost forom ohra, fl-istat naturali u haj taghha, jew imnixxfa, jew fi frak tal-weraq. Ir-raza, invece, huwa dak il-kompost amorfu, solidu jew semisolidu, li jkun fih l-estratt ("exudation" bl-ingliz) mehud mill-imsemmija pjanta. Ir-raza jista' jkollha materjal iehor imhallat maghha; pero` jekk ikollha l-forma solida jew semisolida (bhal "blokka") u ghalhekk ma tkunx fil-forma ta' weraq, u jkollha fiha l-estratt li johrog mill-pjanta *cannabis*, wiehed ikun qed jitkellem mhux dwar il-pjanta *cannabis* izda dwar ir-raza mehuda mill-imsemmija pjanta. Fl-ahhar nett wiehed jista' jkollu it-*tetrahydrocannabinol* fi stat ta' zejt jew fi stat likwidu jew f'forma ta' pillola jew bhala parti minn xi medicina ohra – f'dan il-kaz tali sustanza (li la tkun pjanta jew weraq tal-pjanta u anqas ma tkun ir-raza mehuda mill-pjanta jew preparazzjoni li jkollha bhala bazi dik ir-raza) tkun tikkwalifika bhala medicina psikotropika taht il-Kap. 31. Mill-ezami tal-blokki – sitta b'kollox – li sar mill-espert nominat mill-Qorti, ma hemmx dubbju li dawn kien fihom l-estratt tal-pjanta *cannabis* kif fuq imfisser u li ghalhekk dawna kienu jikkwalifikaw bhala <u>raza mehuda mill-pjanta *cannabis*</u> – wiehed anqas ghandu ghalfejn jidhol f'dan il-kaz fil-kwistjoni biex jezamina l-espressjoni "preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza", espressjoni li giet ukoll uzata fl-imputazzjoni. Isegwi ghalhekk li mhux biss l-ewwel zewg aggravji huma

infondati, izda anke t-tielet wiehed huwa daqstant iehor infondat.

Kwantu ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti – u hawn nigu ghar-raba' u ghall-hames aggravju – din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fl-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, li, ghandu jinghad, kellha l-vantagg li tara u tisma' lix-xhieda kollha jiddeponu quddiemha *viva voce*. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet kollha, addirittura tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti li l-appellant kellu fil-pussess tieghu is-sitt bicciet tar-raza tal-*cannabis* misjubin fid-data, post u hin indikati fl-imputazzjoni, u li c-cirkostanzi kienu juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghalhekk anke dawn l-aggravji qed jigu michuda.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-ewwel pagament mensili ta' erbghin lira – illum tlieta w disghin ewro – ghandu jsehh erba' gimghat mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------